*Fl-okkażjoni t'egħluq it-300 sena mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali taż-Żejtun, **Dun Joe Abela** jikteb dwar:*

# GASPARE TESTAFERRATA
## in-nobbli li ħabb tfajla Żejtunija
## u
# GIRGOR BONICI
## il-benefattur kbir tal-knisja

Nhar il-25 ta' Novembru, 1692, l-Isqof David Cocco Palmieri qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja parrokkjali preżenti taż-Żejtun. Il-kappillan kien Dun Ugolin Bonnici, iżda l-akbar benefattur kien in-Nobbli Girgor Bonici.

### KITBA DWAR GIRGOR BONICI

Dwar Girgor Bonici kiteb E.B. Vella fil-ktieb tiegħu "L-Istorja taż-Żejtun u M'Xlokk". Iżda peress li Vella ttratta l-istorja kollha tar-raħal tagħna, hu ma setgħax jitkellem fit-tul dwar Girgor Bonici. Meta jien iddeċidejt li nagħmel ir-riċerki dwar it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja tagħna, mill-ewwel kelli f'moħħi li lil Girgor Bonici nagħtih l-importanza li ħaqqu, u nippublika kemm nista' kull informazzjoni ġdida li jirnexxieli nsib dwaru. Ħadd, sa fejn naf jien, m'għamel ebda tiftix ieħor oriġinali w importanti wara E.B. Vella dwar Girgor Bonici, u kull min xi darba fettillu jikteb xi ħaġa dwaru, m'għamilx ħaġa oħra ħlief ikkopja fedelment dak li kien qal Vella.

Għalhekk f'dan l-istudju se nagħti xi tagħrif li qatt għadu ma ġie ppublikat. S'intendi m'inhix nippretendi li kelmti tkun l-aħħar kelma dwar Girgor Bonici. Anzi, bil-maqlub. Nixtieq verament li warajja jkun hemm ħaddieħor li jqalleb l-arkivji, bħalma għamilt jien, biex isib aktar informazzjoni li setgħet ħarbet lili. Lanqas ma nista' hawn, minħabba l-limiti ta' spazju, nippublika kulma sibt dwaru. Tant ħassejtni miġbud lejn dan il-bniedem, li mort lura mit-twelid tiegħu biex nislet aktar tagħrif, mhux biss dwar il-familja tiegħu, iżda wkoll dwar il-familja Testaferrata, li magħha l-familja tiegħu tħalltet. Hekk ikolli stampa aktar ċara tiegħu u tal-oħrajn li bħalu taw sehem kbir u siewi fil-bini tal-knisja tagħna.

### Il-FAMILJA TAL-KAPPILLAN, DUN UGOLIN BONNICI

Għidna li fl-1692 il-kappillan taż-Żejtun kien Dun Ugolin Bonnici. Ġieli kont smajt jingħad li dan il-kappillan kien jiġi minn Girgor Bonici, iżda ħadd qatt ma qal kif. Għalhekk daħħaltha f'moħħi li nara jien dan kienx veru, u jekk kien, ridt nara kif, u nippruvah mid-dokumenti. Xejn ma kienet ħaġa ħafifa. Studjajt sewwa l-familja ta' Dun Ugolin Bonnici, bin il-kjeriku miżżewweġ Angelo Bonnici, u bqajt sejjer lura sakemm ir-reġistri ppermettewli, iżda mkien ma sibt ebda parentela ma' Girgor Bonici. Meta qbadt il-familja ta' omm Dun Ugolin, sibt li ommu, Dijanora Testaferrata, kienet bint Gaspare Testaferrata. Kien permezz ta' ommu Dijanora li Dun Ugolin kien imħallat mal-familja ta' Girgor Bonici. Fil-fatt stabbilejt li ommu kienet sekonda kuġina ma' Giacomo Testaferrata, żewġ Teodora Bonici, oħt Girgor. Hu minn dan iż-żwieġ bejn Giacomo Testaferrata u Teodora Bonici li l-familja Testaferrata Bonici tal-lum fiż-Żejtun hi mnissla.

### IR-RAĦAL TAŻ-ŻEJTUN

Fit-tiftix tiegħi laqatni n-Nobbli Gaspare Testaferrata, li ma kienx Żejtuni, iżda li ġie joqgħod fiż-Żejtun. Dawk iż-żminijiet iż-Żejtun kien raħal fqir u espost wisq għall-attakki tal-furbani Misilmin li kienu jinżlu fid-daħliet ta' Wied-il-Għajn, San Tumas u Marsaxlokk kull meta jfettlilhom, u jġorru fil-jasar kemm iridu Żwieten. Qegħdin nitkellmu dwar iż-żminijiet li fihom twieled Gaspare Testaferrata, jiġifieri s-seklu sittax. In-nobbli Maltin kien ikollhom il-palazzi tagħhom fl-Imdina, li kienet allura l-belt kapitali ta' Malta qabel il-miġja tal-Kavallieri. Meta dawn ġew Malta, huma ppreferew li joqogħdu fil-Birgu biex ikunu viċin il-baħar, peress li kellhom ix-xwieni tagħhom. Għalkemm in-nobbli Maltin xejn ma kellhom grazzja mal-Kavallieri, huma xorta waħda għarfu l-importanza tal-Birgu, issa li l-Ordni kienet toqgħod hemm, u huma wkoll bdew jibnu xi djar tagħhom hemmhekk. Kien għalhekk li Gaspare Testaferrata, membru ta' waħda mill-familji nobbli l-aktar antiki ta' Malta, twieled il-Birgu fl-1576.

### IŻ-ŻWIEĠ TAN-NOBBLI GASPARE TESTAFERRATA U PAWLINA TABONE

Iżda, kif jgħidu, l-imħabba hi għamja, u ma tagħrafx limiti ta'

klassi. Gaspare beda jħobb lil tfajla Żejtunija, ċerta Pawlina Tabone, bint Mario Tabone, mir-Raħal ta' Fuq. L-imħabba ta' bjeniethom kompliet tikber sakemm wasslithom għas-sagramenti fl-24-9-1602. U dan iż-żwieġ sar, u la fl-Imdina, la fil-Birgu, u lanqas fil-belt Valletta, il-belt kapitali ġdida, iżda sar fiż-Żejtun. Mhux hekk biss, Gaspare Testaferrata baqa' wkoll joqgħod fiż-Żejtun bil-familja tiegħu, tant li naraw li wliedu jitwieldu u jitgħammdu fil-parroċċa tagħna. Hekk, per eżempju, fl-1603, twelditlu Laurica, u tliet snin wara twelditlu fiż-Żejtun Dijanora, omm Dun Ugolin Bonnici. Wiġi, ilsir tiegħu, tgħammed fiż-Żejtun fl-1605. Hekk, minkejja li Gaspare kien maħtur ġurat tal-Belt Valletta għal diversi snin, 1609 – 1614, 1619 – 1620, hu xorta waħda baqa' miġbud lejn il-parroċċa tagħna. Li tkun ġurat tal-Belt Valletta kienet pożizzjoni mill-aktar għoljin fil-qasam ċivili li Malti seta' jilħaq dak iż-żmien, għaliex fi ħdan l-Ordni l-Maltin ma kellhom l-ebda tama li jimxu 'l quddiem, jekk mhux fis-sezzjoni ekkleżjastika tagħha. Qegħdin nitkellmu dwar żmien meta l-knisja parrokkjali taż-Żejtun kienet għadha San Girgor, u meta Ħaż-Żabbar kien għadu parti miż-Żejtun. Fil-fatt Gaspare wkoll fil-parti Żabbarija taż-Żejtun ħaseb, tant illi ħalla biċċa art f'Żonqor, il-lum f'Wied il-Għajn, lill-knisja ta' Santa Marija f'Ħaż-Żabbar.

## L-IMĦABBA TA' TFAJLA ŻEJTUNIJA

Nistgħu għalhekk ngħidu li mn'Alla kienet Pawlina Tabone, it-tfajla Żejtunija, li ġibdet b'imħabbitha lejn iż-Żejtun lin-Nobbli Gaspare Testaferrata. Kieku ma kenitx hi, ma kienx ikollna lil Dijanora Testaferrata, u mingħajr Dijanora ma kienx ikollna lil binha Dun Ugolin Bonnici, il-kappillan li beda jibni l-knisja parrokkjali ġdida fl-1692.

M'hemm l-edba dubju li Dun Ugolin kellu influwenza kbira fuq id-deċiżjoni ta' Girgor Bonici li jibbenefika b'mod l-aktar ġeneruż il-bini tal-knisja ġdida. Teodora Bonici, oħt Girgor, kienet iżżewġet lil Giacomo Testaferrata fl-1627. Hekk tgħaqqdu ż-żewġ familji nobbli, Testaferrata u Bonici, u Angleo Bonnici, missier Dun Ugolin, sar wieħed minn ta' ġewwa għal Girgor Bonici. Il-fiduċja ta' Girgor Bonici f'Dun Ugolin tidher meta għażlu bħala xhud tat-testment importanti tiegħu fl-1697, fejn Girgor ħalla r-renti ta' ġidu kollu għal tletin sena biex tkun tista' tinbena l-knisja tagħna.


PACE BROS. ŻEJTUN

TEL : 882062

MINERAL WATER FACTORY

**Vandan Confectionery**

*Shop* 29, Gregorio Bonnici Str., Żejtun.

*Bakery* Safarin Xuereb Str., Żejtun. Tel: 694248



## TWELID TA' GIRGOR BONICI

Girgor Bonici twieled fl-Imdina fit-18 ta' Marzu, 1612, u allura kien biss sitt snin iżgħar minn Dijanora Testaferrata. It-tnejn li huma kienu destinati li jkollhom sehem importanti fl-istorja taż-Żejtun. Jingħad li l-jum minn filgħodu juri x'ġej, u hekk ġara fil-każ ta' Girgor Bonici. Bħala parrinu fil-magħmudija kellu lill-Kommendatur ta' l-Ordni, Fra Baldassare Cagliares, li tliet snin wara, sar Isqof ta' Malta. Fl-età ta' 9 snin Girgor irċieva t-tonsura klerikali u hekk sar kjeriku, iżda ma kompliex biex isir qassis. Ta' 26 sena kien diġà mar joqgħod fil-Birgu, għaliex fil-lista tal-kleru tal-1638 jissejjaħ "della Vittoriosa". Fl-1641 kien wieħed mill-erba' ġurati tal-Kunsill Popolari ta' l-Imdina.

## GIRGOR JIŻŻEWWEĠ NHAR SANTA KATARINA

Girgor iżżewweġ lin-Nobbli Elena Barbara fil-Birgu nhar il-25 ta' Novembru, 1646, fil-festa ta' Santa Katarina. Fil-Birgu d-devozzjoni lejn din il-qaddisa patruna tagħna kienet ilha ħafna snin teżisti. Fl-1653 Girgor inħatar ambbaxatur f'Licata, Sqallija, u hekk tgħabba bir-responsabbiltà li jibgħat il-qamħ hawn Malta. Kien f'Licata li nibtet fih id-devozzjoni lejn Sant'Anġ. Martri, devozzjoni li wara wasslitu biex jibni knisja dedikata lil dan il-qaddis fiż-Żejtun. Fl-1654 ġie magħżul ħakem ta' l-Imdina, l-ogħla kariga ċivili li Malti seta' jilħaq dak iż-żmien. Girgor kellu biss 42 sena!

Żgur li fis-sena 1659 kienet diġà bdiet ir-rabta ta' Girgor Bonici maż-Żejtun, għaliex f'dik is-sena hu w oħtu Teodora kienu jieħdu ħsieb il-kappella ta' San Ġakbu f'San Girgor, il-knisja parrokkjali. Jidher li kien miġjub ħafna miż-Żwieten, għaliex kull darba li l-Isqof kien jagħmel il-Griżma fiż-Żejtun, bosta ġenituri kienu jagħżluh bħala parrinu ta' wliedhom. L-aktar biċċa xogħol iebsa għalih kienet bejn is-snin 1670 u 1675, meta ġie mibgħut Ruma jipprotesta kontra t-taxxa li l-Gran Mastru Cottoner ried jagħmel fuq il-ġid tal-Knisja Maltija. Fl-1674 ngħata t-titlu ta' Patrizju Ruman, u fl-1683 bena mill-ġdid il-kappella ta' San Ġorġ f'Birżebbuġa.

## PROMINENZA TA' GIRGOR BONICI

Hemm sinjali x'jindikaw li sadattant Girgor kien għadu joqgħod fil-Birgu, għaliex sal-1685 ismu jibqa' jidher fil-lista tan-nies fil-Birgu. Il-prominenza li hu kien igawdi f'din il-belt tidher mill-fatt illi fl-1679 l-Isqof Molina għażlu bħala wieħed mill-erba' prokuraturi li kellhom jieħdu ħsieb il-bini tal-knisja ġdida tal-Birgu. Ta' min jgħid hawn li l-arkitett tal-knisja tal-Birgu kien Lorenzo Gafà, l-istess arkitett tal-knisja taż-Żejtun, u li l-ewwel ġebla tqegħdet fl-1681, ħdax-il sena biss qabel it-tqegħid ta' l-ewwel ġebla tal-knisja tagħna. Sadattant Girgor kien diġà bena dar fiż-Żejtun li semmiha "Aedes Danielis", kif għadha msemmija sal-lum. Danjeli kien ħuh iżgħar minnu, li miet fiż-żgħożija tiegħu u li Girgor difnu fil-knisja tal-Lunzjata fil-Birgu. Jidher li Girgor ġie joqgħod fiż-Żejtun għall-ħabta tas-sena 1687, jiġifieri għaxar snin qabel mewtu. Fl-1687 mietitlu s-seftura Katarina u difinha fil-knisja ta' Sant'Anġ., hawn iż-Żejtun. Fl-1694 jitniżżel espliċitament bħala nieqes mill-Birgu, u fl-1697 għamel it-testment tiegħu f'Aedes Danielis, hawn iż-Żejtun. Ftit ġarent wara hu miet.

## DONAZZJONI TA' L-ART

Iżda erba' snin qabel it-testment, Girgor kien diġà għamel ħaġa oħra siewja ferm għaż-Żwieten. Hu kien ta biċċa art kbira fiċ-ċentru taż-Żejtun, biex fuqha tkun tista' tinbena l-knisja parrokkjali ġdida, kif ukoll is-sagristija, l-oratorju, iz-zuntier, u l-pjazez li jdawru l-knisja. Dan l-att ta' donazzjoni hu reġistrat fil-viżta pastorali ta' l-Isqof f'Ġunju, 1693. L-ewwel ġebla kienet tqegħdet ftit xhur qabel. Dan jurina li l-għajnuna ta' Girgor Bonici kienet mill-ewwel kbira u ndispensabbli. Bħallikieku dan ma kienx biżżejjed, fit-testment tiegħu Girgor ried li r-renti kollha ta' ġidu kollu għal tletin sena sħaħ imorru għall-bini tal-knisja. Dan kellu jibda jseħħ wara l-mewt ta' martu Elena, li Girgor ħalliha użu fruttwarja. Fil-fatt Elena mietet fl-1700.

## IT-TESTMENT TA' GIRGOR BONICI

Ħalla xi piżijiet, li ma jidhrux kbar ħdejn il-benefiċċji li ta lill-knisja. Hekk per eżempju, il-prokuraturi kellhom jagħtuh l-altar ta' San Girgor fil-knisja l-ġdida, u hemm kull sena, nhar Lapsi, issirlu quddiesa kantata għal ruħu. Lanqas ma nesa' lill-foqra li kellhom kull sena jingħataw modd u nofs qamħ mill-prokuraturi tal-knisja. Ftakar ukoll fil-Maltin li kienu jaqgħu lsiera f'idejn il-furbani. Kellhom ukoll jiġu sparati 18-il murtal hi u dieħla l-purċissjoni ta' San Girgor. Liż-żewġ ilsiera suwed li kellu, Maria u Marietta, tahom il-libertà. Rabat lill-prokuraturi li bħala mgħallem tal-bini



**GIRGOR BONICI**

[redacted]

*Ritratt misluf mis-Sur Walter Zahra*

tal-knisja, kellhom iqabbdu lil Xandru Pulis, mir-Raħal t'Isfel. Girgor kien midħla tal-familja ta' Xandru għaliex ċerta Angela, mart Ġanni Zammit, qabel iżżewġet kienet ilsira ta' Girgor, u Margerita, oħt Ġanni Zammit, kienet mart Xandru Pulis. Fis-sala tal-qari fil-Bini tal-Knisja għandna ta' Girgor Bonici kwadru kbir ġmielu li kien sar fl-1689, meta allura Girgor kellu 77 sena. Dan il-kwadru kien irregalat lill-knisja mill-Markiż Danjeli Testaferrata, dixxendenti tal-familja Bonici minn Teodora, oħt Girgor.

Wara li għidna dan kollu, naraw issa, permezz tal-arblu tar-razza, kif Dun Ugolin Bonnici, dixxendenti ta' Gaspare Testaferrata, kien imħallat mal-familja ta' Girgor Bonici:

Mariano Testaferrata
Giacobo — Giacomo

Giacobo
GASPARE – – – P. Tabone (żwieġ 1602)
Dijanora Test. – – – Angelo Bonnici (żwieġ 1628)
DUN UGOLIN BONNICI

Giacomo
Gio. Tomaso
Giacomo Testaferrata – – – – Teodora Bonnici

Danjeli Bonici
Gio. Maria – – – Marg. Camenzuli
Teodora Bonnici — GIRGOR BONICI (twieled, 1612)

Hekk għaqqadna l-personaġġi prinċipali ta' l-istorja tagħna: Gaspare Testaferrata, Dun Ugolin Bonnici u Girgor Bonnici. Huma tlieta min-nies li għandna nkunu rikonoxxenti lejhom, għaliex li ma kienux huma, ma kienx ikollha l-knisja monumentali u sabiħa li għandna l-lum.

**Rev. Dun Joe Abela**


BY APPOINTMENT TO HER MAJESTY THE QUEEN
SCOTCH WHISKY DISTILLERS
JOHN DEWAR & SONS, LTD

Dewar's®
FINEST SCOTCH WHISKY

CUTAJAR
P. CUTAJAR & CO. LTD.